



Brussell, 27 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11060/23

COH 49	ENV 748
CLIMA 322	ENER 387
CADREFIN 96	COMPET 669
POLGEN 83	AGRI 361
PECHE 257	JEUN 167
POLMAR 40	MI 566
ECOFIN 645	RECH 296
EMPL 327	SOC 473
SUSTDEV 99	TRANS 279
EDUC 265	MIGR 224

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Ġunju 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10594/23
Suġġett:	Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (27.06.2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE, approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-3962 laqgħa tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni
dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON ir-raba' rapport dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE ppreżentat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2022¹;
- (2) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar it-tielet rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE ("Strateġiji") tat-23 ta' Settembru 2020;
- (3) JISSOTTOLINJA l-importanza tal-impenn politiku kontinwu tal-pajjiżi parteċipanti u tas-sjieda tal-Istrateġiji fil-livelli kollha u tal-kontribut tal-Kummissjoni bħala konsulent strateġiku bl-appoġġ operazzjonali tagħha, kemm tekniku kif ukoll finanzjarju. JIRRIAFFERMA l-importanza ta' strutturi stabbli ta' appoġġ għall-governanza fi ħdan l-Istrateġiji u l-importanza ta' appoġġ kontinwu għall-governanza mill-Kummissjoni u s-servizzi rilevanti tagħha. JENFASIZZA l-importanza tar-reżiljenza u l-flessibbiltà tal-partijiet ikkonċernati kollha tal-Istrateġiji u tal-istrutturi fl-indirizzar tal-isfidi politiċi, ekonomiċi u soċjali attwali;
- (4) IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE fl-isforzi tagħhom biex jipparteċipaw fl-Istrateġiji;

¹ Dokument ST 15883/22 + ADD 1

- (5) JIRRIKONOXXI s-sejbiet tar-rapport u r-rwol tal-Istrateġiji fit-trawwim tal-koeżjoni permezz ta' kollaborazzjoni transsettorjali, f'diversi livelli u tranżnazzjonali bl-għan li jiġu pprovduti soluzzjonijiet komuni għall-isfidi kondiviżi. JAGĦRAF li l-istrateġiji huma għodod utli għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjalment sostenibbli, kif ukoll għall-iżvilupp u t-tkabbir reġjonali. Bil-ħsieb ta' implimentazzjoni aħjar tal-Istrateġiji. JIRRIAFFERMA l-ħtieġa tal-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji eżistenti, użu aħjar tal-istituzzjonijiet eżistenti u implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni attwali, abbażi tat-tliet prerekwiżiti għal dawn l-Istrateġiji;
- (6) IĦEĠĠEĠ l-istrutturi offruti mill-Istrateġiji jappoġġaw l-Ukrajna u jikkontribwixxu għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna mingħajr dewmien. Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE hija impenjata li tappoġġa, flimkien mas-sħab tagħha, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. JAGĦRAF il-ħidma li saret mill-Ukrajna fl-2022 meta ppresediet l-EUSDR filwaqt li kienet qed tiddefendi l-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tagħha kontra l-aggressjoni Russa. JISTIEDEN lill-pajjiżi parteċipanti tal-Istrateġiji biex ifittxu possibilitajiet għal kooperazzjoni saħansitra aktar mill-qrib mal-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova f'termini prattiċi;
- (7) JINDIKA r-rwol li l-Istrateġiji jista' jkollhom fil-proċess tat-tkabbir. L-Istrateġiji huma adattati sew biex jiffaċilitaw il-fehim tal-*acquis* tal-UE filwaqt li tinbena l-kapaċità amministrattiva dwar diversi politiki tal-UE, inkluż il-politika ta' koeżjoni u l-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża. IĦEĠĠEĠ lill-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha jesploraw aktar l-użu tal-Istrateġiji fl-iffaċilitar tal-proċess ta' tkabbir li jappoġġa l-koeżjoni u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll fil-bini tal-fiduċja u l-kunfidenza fost il-pajjiżi ġirien;
- (8) JIRRIKONOXXI l-importanza tal-Istrateġiji biex jgħaqqdu l-azzjonijiet lokali u reġjonali mal-prijoritajiet politiċi Ewropej, b'mod partikolari abbażi tal-ippjanar parteċipattiv fl-Istrateġiji kollha. JENFASIZZA l-importanza li jiġi ffaċilitat l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh, l-akkademja u n-negozji fl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji;

- (9) JISSOTTOLINJA l-importanza li l-implimentaturi tal-Istrateġiji jingħataw mandati ċari, kapaċità effettiva ta' teħid ta' deċiżjonijiet u viżjoni ċara li tqiegħed il-ħidma tagħhom fil-kuntast politiku usa' fil-pajjiżi parteċipanti tal-Istrateġiji u fl-UE. JISTIEDEN lill-pajjiżi u r-reġjuni parteċipanti biex isaħħu aktar ir-rabta tal-Istrateġiji mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll mal-livell politiku;
- (10) JILQA' B'SODISFAZZJON il-possibbiltajiet ipprovduti mill-integrazzjoni tal-Istrateġiji fil-programmi rilevanti tal-politika ta' koeżjoni, li tippermetti l-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Istrateġiji permezz ta' fondi eżistenti fil-pajjiżi parteċipanti tal-Istrateġiji. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiffaċilita dan il-proċess ta' integrazzjoni matul il-perjodu kollu ta' finanzjament. JAPPELLA għall-istabbiliment ta' networks ġodda tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u t-tisħiħ ta' dawk eżistenti fl-erba' Strateġiji kollha. IĦEĠĠEĠ lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jiffaċilitaw il-finanzjament mill-programmi nazzjonali u reġjonali b'mod koordinat;
- (11) JAPPREZZA l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-appoġġ għall-Istrateġiji permezz tal-programmi Interreg u d-dispożizzjonijiet fir-regolament Interreg, kif ukoll biex tistimola sinerġiji ulterjuri ma' programmi ġestiti direttament permezz ta' komunikazzjoni, sessjonijiet ta' ħidma u punti ta' kuntatt tal-Istrateġiji fil-Kummissjoni kollha;
- (12) JAGĦRAF il-ħtieġa ta' data robusta dwar l-impatt tal-Istrateġiji, inkluż finanzjament mobilizzat għall-implimentazzjoni tal-Istrateġiji, komunikazzjoni strateġika dwar l-impatti u r-riżultati, u l-valutazzjoni tal-valur miżjud fil-livell tal-UE u dak makroreġjonali kif ukoll il-ħtieġa li jittejbu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u li tiżdied il-viżibbiltà tar-riżultati tal-Istrateġiji. JIRRIKONOXXI r-responsabbiltà kondiviża bejn il-pajjiżi parteċipanti fl-Istrateġiji u l-Kummissjoni għal mekkaniżmi komprensivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

- (13) JIRRIKONOXXI l-valur, jekk xieraq, ta' rieżami tal-Istrateġiji u ta' aġġustament tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom sabiex jirriflettu l-ambjent li qed jinbidel u biex jadattaw għal ħtiġijiet u sfidi emerġenti ġodda fl-oqsma rispettivi tagħhom;
- (14) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-progress fl-oġettivi strateġiċi u operazzjonali deskritti f'dawn il-konklużjonijiet fir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji sa tmiem l-2024.
-